

Brussell, 22 ta' Mejj 2018
(OR. en)

8960/18

DEVGEN 68
ACP 39
COHAFA 31
RELEX 408
FIN 388
WTO 133
ONU 40
OCDE 5

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	22 ta' Mejj 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	8554/18
Suġġett:	Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament tal-azzjonijiet esterni fl-2016 - Konklużjonijiet tal-Kunsill (22 ta' Mejj 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament tal-azzjoni esterna fl-2016, kif adottati mill-Kunsill fit-3618-il laqgħa tiegħu li saret fit-22 ta' Mejj 2018.

**Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea
għall-finanzjament tal-azzjonijiet esterni fl-2016**

Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Il-Kunsill jilqa' r-Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament tal-azzjonijiet esterni fl-2016 kif ukoll l-isforzi tal-Kummissjoni biex tkompli ttejjeb il-kwalità, l-orjentazzjoni lejn ir-riżultati u l-faċilità tal-użu mill-utent tar-rapport. Il-Kunsill jikkunsidra r-Rapport Annwali bħala kontribut ewlieni biex jinforma liċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati dwar kif l-UE timplimenta l-assistenza esterna tagħha u r-riżultati miksuba.
2. Il-Kunsill jissottolinja l-progress li sar lejn l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) ppreżentati fir-Rapport Annwali. Il-Kunsill jappella lis-Servizzi tal-Kummissjoni u lis-SEAE biex juru kif l-UE qed twettaq l-azzjonijiet li jirriflettu l-impenn li ħadd ma jitħalla l-art, kif ukoll l-Aġenda 2030, il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp u l-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Kummissjoni tkompli l-ħidma fuq il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD) bħala element kruċjali biex jinkisbu l-SDGs u kontribut importanti għall-oġettiv aktar ġenerali tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp Sostenibbli (PCSD).
3. Il-Kunsill jissottolinja li huwa essenzjali li jintuża b'mod komprensiv il-kamp ta' applikazzjoni sħiħ tal-politiki u l-ġhodda tal-UE li jkopru l-azzjonijiet tad-diplomazija, tas-sigurtà, tal-finanzi, tal-kummerċ, ta' żvilupp u l-ġhajjnuna umanitarja. Il-Kunsill jitlob tisħiħ ta' dan l-approċċ ta' "Viżjoni Kondiviża" u "Azzjoni Komuni" kif rakkomandat mill-Istrateġija Globali għall-Politika Ewropea u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea, inkluż avvanz lejn Unjoni aktar kredibbli, reattiva u magħquda. Il-Kunsill jenfasizza li Unjoni Ewropea prospera hija l-bażi għal Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja u li l-prosperità trid tiġi kondiviża u tehtiegħ l-issodisfar tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) madwar id-dinja kollha, inkluż fl-Ewropa.

4. B'mod partikolari, il-Kunsill ifaħħar l-implimentazzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat rieżaminata inkluż l-appoġġ għal riformi politiċi u ekonomiċi, trasformazzjoni u stabilizzazzjoni demokratiċi bbażati fuq approċċ differenzjat u sjieda akbar. Il-Kunsill jieħu nota wkoll tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Tkabbir, kif tinsab fil-Komunikazzjoni dwar il-Politika tat-Tkabbir tal-UE f'Novembru 2016, b'mod partikolari tal-kontribut deċiżiv li sar għall-kooperazzjoni u l-konnettività reġjonali fil-Balkani tal-Punent.
5. Il-Kunsill jenfasizza li l-livelli u l-ġeografija ta' faqar u inugwaljanza nbiddlu u li l-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp qed isiru dejjem aktar diversifikati. Porzjon li dejjem qed jikber tal-fokra tad-dinja jinsab fi stati fraġli u affettwati mill-konflitt u fl-Afrika sub-Saħarjana, għalkemm għad fadal żoni ta' faqar f'hafta pajjiżi bi dħul medju. Il-Kunsill ifakkar li l-UE u l-Istati Membri tagħha qed jimmiraw l-appoġġ tagħhom fejn hemm l-aktar bżonn u fejn jista' jkollu l-akbar impatt. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2017¹ li jenfasizzaw l-importanza ta' sħubija ugwali, sostenibbli u ta' benefiċċju reċiproku bejn l-Afrika u l-UE fi spirtu ta' sjieda u responsabbiltà kondiviżi.
6. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi tal-UE biex jipprovdu assistenza bbażata fuq il-ħtiġijiet u li ssalva l-ħajjiet lil nies affettwati minn kriżijiet umanitarji, inkluż kriżijiet fit-tul, madwar id-dinja. Il-Kunsill jinnota li l-kriżijiet umanitarji qed jikbru fl-għadd, il-kumplessità u s-severità. Il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa għal sforzi sostnuti mill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jipprevjenu l-kriżijiet u jindirizzaw il-kawżi fundamentali tagħhom, inkluż dawk relatati mat-tibdil fil-klima, u jindirizzaw b'mod adegwat il-ħtiġijiet li qed jikbru.
7. Il-Kunsill jilqa' l-intensifikazzjoni tal-isforzi tal-UE fil-qasam tal-ambjent u t-tibdil fil-klima fl-implimentazzjoni tal-istrumenti esterni tagħha, speċjalment l-integrazzjoni ta' dawn is-suġġetti, li hija essenzjali biex jinkiseb progress sinifikanti.

¹ 10454/17

8. Il-Kunsill itenni l-impenn b'saħħtu tiegħu għal governanza tajba, demokrazija u l-istat tad-dritt kif ukoll ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u jappella lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex isaħħu l-isforzi għall-promozzjoni ulterjuri tagħhom peress li huma fundamentali għall-iżvilupp sostenibbli.
9. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni tkompli tirrapporta dwar attivitajiet relatati mal-migrazzjoni u l-iżvilupp, inkluż il-kawżi prinċipali tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament sfurzat. Dan għandu jinkludi rapportar dwar l-effettività tal-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika u ta' fondi fiduċjarji oħra.
10. Il-Kunsill itenni wkoll ir-rabtiet bejn żvilupp sostenibbli, reżiljenza, fraġilità, azzjoni umanitarja u prevenzjoni tal-konflitt u l-bini tal-paċi. Il-Kunsill jistenna b'interess ir-rapport li ser isir dwar ir-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp fil-pajjiżi pilota.
11. Il-Kunsill jappella wkoll għal rappurtar kontinwu dwar l-attivitajiet tal-UE relatati mal-paċi u s-sigurtà internazzjonali, li għandu jinkludi rapportar dwar rispons urġenti għal kriżijiet politiċi u kontributi għal missjonijiet ta' stabbilizzazzjoni ċivili.
12. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fir-Relazzjonijiet Esterni 2016-2020² u l-impenji qawwija fil-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp biex tkun promossa l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni f'kull qasam tal-azzjonijiet. Il-Kunsill jinkoraġġixxi bis-sħiħ lill-Kummissjoni biex tipprijorizza l-ugwaljanza bejn is-sessi, u d-drittijiet u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet, u jilqa' f'dan il-kuntest l-għażla tal-ugwaljanza bejn is-sessi bħala t-tema għall-avveniment inawgurati konġunt tan-Network Ewropew tal-Komunikazzjoni dwar l-Iżvilupp tal-25 ta' Mejju 2018 kif ukoll waqt il-Jiem Ewropej tal-Iżvilupp tal-5-6 ta' Ġunju 2018³.

² 15571/17

³ In-network ġie stabbilit mill-Kummissjoni u l-Istati Membri bi tweġiba għall-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju 2017.

13. Il-Kunsill ifaħħar lill-UE għall-kontributi tagħha għall-Finanzjament għall-Iżvilupp li jistabbilixxi l-mezzi ta' implimentazzjoni meħtieġa biex jintlaħqu l-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-UE u l-Istati Membri tagħha affermaw mill-ġdid il-pożizzjoni tagħhom bħala l-akbar fornitur fid-dinja ta' finanzjament għall-iżvilupp, billi jikkontribwixxu għal aktar minn nofs l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) fid-dinja. Il-Kummissjoni Ewropea waħedha ħarġet aktar minn EUR 13.1 biljun f'ODA fisem l-UE waqt l-2016.
14. L-UE u l-Istati Membri tagħha jafferu mill-ġdid l-impenji individwali u kollettivi kollha tagħhom tal-ODA⁴. Il-Kunsill ifakkar li l-ODA tibqa' sors ewlieni ta' finanzjament għall-Pajjiżi l-Inqas Żviluppati (LDCs) u l-istati fraġli, li b'mod partikolari għandhom nuqqas ta' kapaċità domestika biex jiġbru finanzjament minn sorsi oħra.
15. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi tal-UE u l-Istati Membri biex jimmobilizzaw u jagħmlu użu tajjeb ta' kull mezz ta' implimentazzjoni disponibbli għall-iżvilupp, skont l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa. B'mod partikolari, huwa jilqa' l-Programm ta' Mobilizzazzjoni ta' Riżorsi Domestiċi, l-Inizjattiva Fiskali ta' Addis Ababa, il-Pjan ta' Investiment Estern tal-UE u l-isforzi biex tiżdied l-effettività tal-iżvilupp inkluż permezz tal-Ipprogrammar Konġunt. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza li jinħolqu l-kondizzjonijiet adegwati għal aktar investiment, diversifikazzjoni ekonomika, integrazzjoni ekonomika reġjonali, kummerċ imsaħħa u żvilupp tas-settur privat.
16. Il-Kunsill jieħu nota tal-lezzjonijiet ta' evalwazzjoni fir-Rapport Annwali, inkluż il-ħtieġa għal analiżi kurrentwali mtejbja, l-importanza tas-sjieda nazzjonali u sħubiji b'saħħithom bejn l-UE u s-sħab ewlenin tagħha kif ukoll il-ħtieġa għal aġġustament aktar rapidu għall-bidliet fuq il-post.

⁴ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-Investiment fl-Iżvilupp Sostenibbli" u r-Rapport Annwali tal-2018 għall-Kunsill Ewropew dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnuna għall-Iżvilupp

17. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-rapportar tar-riżultati u jilqa' l-fatt li fir-rapport ġew integrati riżultati bbażati fuq il-Qafas tar-Riżultati tal-UE fl-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni tkompli ttejjeb il-kwalità tar-rapportar billi tinkludi r-riżultati ta' proġetti li għaddejjin, użu akbar ta' data diżaggregata skont is-sessi u analiżi u valutazzjoni tal-kisba ta' objettivi. Barra minn hekk, il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tiżviluppa aktar ir-rapportar b'rabta ma' nies b'diżabilitajiet, id-diġitalizzazzjoni għall-iżvilupp, is-saħħa, l-edukazzjoni, l-Implimentazzjoni Konġunta u l-monitoraġġ tal-impenji tal-UE fir-Rapport Annwali li jmiss.
-